# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Lulju, 2023

**Numru 8**

**Rikors Numru 333/18TA**

**Christopher (K.I. Nru 76274M) u**
**Pauline (K.I. Nru 450279M) konjugi Vella**

**vs**

**Josef Borg (K.I. Nru 605582) u martu**
**Alexia Borg Stafrace (K.I. Nru 356676M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Christopher u Pauline Vella (l-Atturi) tal-11 ta' April 2018 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:-

**A. "Dikjarazzjoni u Raġuni għat-Talba.**

1. Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond 11, 'Pawlina', Sqaq Nru 4, Qrendi;

2. Illi r-rikorrenti kienu ingaġġaw lill-intimat Josef Borg sabiex jeżegwixxi x-xogħlijiet kollha relatati mal-installazzjoni tas-sistemi tad-dawl u ilma fil-fond, u dan wara illi huma qablu fuq ix-xogħlijiet illi kellhom isiru u r-rati rispettivi ta' ħlas dovut għal kull servizz pprovdut, skont kif indikat fl-istima tax-xogħlijiet mibgħuta mill-intimati lir-rikorrebti datata l-erbgħa (4) ta' Marzu 2016, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A';

3. Illi skont l-istima tal-intimati, ix-xogħlijiet kollha magħmula mill-intimat Josef Borg fil-fond kellhom jammontaw għal sbatax-il elf ħames mija u għoxrin Ewro u ħames ċenteżmi (€17,520.05), minn liema r-rikorrenti kienu diġa' ħallsu lill-intimati l-ammont ta' ħdax-il el tmien mija u tliet Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€11,803.45);

4. Illi l-intimat Josef Borg kien wiegħed lir-rikorrenti illi huwa kellu mhux biss l-esperjenza iżda ukoll il-liċenzji u l-kwalifiċi kollha neċessarji sabiex iwettaq ix-xogħlijiet in kwistjoni bl-ogħla kwalita' u fl-iqsar żmien possibbli. Illi fil-fatt, il-qbil bejn il-partijiet kien illi x-xogħlijiet kollha li kellu jagħmel l-intimat fil-fond ma kellhomx jieħdu iktar minn sitt (6) xhur sabiex jitlestew;

5. Illi madankollu, ix-xogħlijiet ħadu ferm iktar żmien minn dak miftiehem, saħansitra sitt (6) xhur iktar, u dan unikament minħabba l-inadempjenza tal-intimat Josef Borg. Dawn id-dewmien irriżulta f'telf ta' introjtu sostanzjali għar-rikorrenti u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

6. Illi di piu, jirriżulta bl-iktar mod ċar illi x-xogħlijiet eżegwiti mill-intimat Josef Borg ma sarux skont is-sengħa u l-arti, u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawżza. Fost ix-xogħlijiet in kwistjoni wieħed jista' jsemmi l-installazzjoni ħażina tad-drains tal-*air conditioning* u tal-pajpijiet tad-drenaġġ, is-sistema tal-ilma tal-ġwiebi u saħansitra anke x-xogħol kollu relatat mal-installazzjon tal-kmamar tal-banju, liema xogħol kellu jerġa' jsir spejjeż tar-rikorrenti.

7. Illi l-ħsarat sofferti mir-rikorrenti għolew, u għadhom qed jogħlew, b'mod sostanzjali minħabba x-xogħol kollu ta' tiswija li kellu, jew irid, isir kien jinkludi ukoll unikament responsabbli l-intimat Josef Borg, li ma għamilx il-verifiki neċessarji tax-xogħol tiegħu f'waqthom u ċioe qabel ma approva li jibda jitqiegħed il-madum fil-fond;

8. Illi saħansitra ir-rikorrenti ġew mgħarrfa, tramite inġiniera *ex parte* ingaġġati minnhom stess, illi xi installazzjonijiet tal-elettriku kienu saru b'mod negliġenti għall-aħħar tant li kienu ta' periklu kbir għas-saħħa tal-istess rikorrenti u tat-tarija tagħhom, u li għalhekk kellhom isiru xogħlijiet rimedjali fuqhom bl-iktar mod immedjat, u dan kif ukoll ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

9. Illi minkejja l-komunikazzjoni li kienet għaddejja bejn il-partijiet, fejn saħansitra r-rikorrenti kienu jinsistu mal-intimat sabiex isiru t-testijiet neċessarji fuq ix-xogħlijiet eżegwiti qabel ma jitqiegħed il-madum u jitkompla x-xogħol minn terzi (bħal tikħil u żebgħa), l-intimat dejjem irrifjuta għaliex kien jinsisti li x-xogħol tiegħu kien tajjeb u li ma kien hemm ebda problema;

10. Illi l-egħmil tal-intimat Jose Borg, ossia n-negliġenza u n-nuqqas ta' kura fit-twettieq tax-xogħlijiet miftiehma fil-fond tar-rikorrenti kkawża preġudizzju ekonomiku u danni lill-istess rikorrenti, u dan hekk kif ser jiġi pruvat fl-mori ta' din il-kawża;

11. Illi għalkemm interpellata sabiex jinstab rimedju u jiġu rimedjati d-danni sofferti, l-intimati baqgħu inadempjenti;

12. Illi għalhekk, ir-rikorrenti kellhom jirrikorru għal dawn il-proċeduri.

**B. Talbiet**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq premessi, jgħidu għalhekk l-intimati għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull ordni u dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni u/jew meħtieġa fiċ-ċirkostanzi:

(i) **TIDDIKJARA** illi l-intimati jew min minnhom huma inadempjenti stante li x-xogħlijiet imwettqa minnhom fuq inkarigu tar-rikorrenti fil-fond 11, 'Pawlina, Sqaq Nru 4, Qrendi ma sarux skont is-sengħa u l-arti u/jew ma ġewx kompletati entro t-terminu stabbilit bejn il-partijiet;

(ii) **TIDDIKJARA** illi dan ikkawża danni lir-rikorrenti konsistenti inter alia fi spejjeż ta' xogħlijiet rimedjali li r-rikorrenti wettqu sal-lum il-ġurnata u/jew li għad fadliljom iwettqu fil-fond imsemmi kif ukoll f'telf ta' introjtu minn proprjeta' oħra tar-rikorrenti, tramite t-telf ta' kirja tal-istess proprjeta' sakemm ir-rikorrenti kellhom jirrisjedu fiha minħabba d-dewmien tal-intimati fit-tlestija tax-xogħlijiet;

(iii) **TILLIKWIDA** d-danni hekk sofferti, okkorrendo bl-għajnuna ta' periti nominandi;

(iv) **TIKKUNDANNA U TORDNA** lill-intimati jew min minnhom iħallas id-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk marbuta mal-ittra uffiċjali Ref Nru 448/2018 datata t-8 ta' Frar 2018, kif ukoll dawk marbuta mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Ref Nru 469/2018 akkordat nhar it-22 ta' Marzu 2018, u bl-imgħaxijiet skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess intimati jew min minnhom, li qegħdin minn issa jiġu nġunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ta' Josef Borg u Alexia Borg Stafrace (il-konvenuti) tat-28 ta' Mejju 2018 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. "Preliminarjament, illi it-talba fil-konfront tal-konvenuta Alexia Borg Stafrace hija rritwali u guridikament insostenibbli fil-konfront taghha stante illi hija ma ghandhix l-ebda relazzjoni guridika mall-atturi u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi l-kawza ma setghetx tigi istitwita kontra Alexia Borg Stafrace peress li l-uniku relazzjoni li kien hemm fir-rigward tal-kontensjoni kienet bejn il-konjugi Vella u Josef Borg fejn il-konvenut Josef Borg ghamel xogholijiet fil-propjeta' tal-atturi 11, 'Pawlina', Sqaq Nru 4, Qrendi.

3. Illi b'hekk Alexia Borg Stafrace ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hija ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mall-atturi.

4. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tal-atturi huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante *inter alia:*

   a. illi l-konvenut Josef Borg dejjem hadem fuq inkarigu u struzzjonijiet tal-atturi u/jew l-periti/designers li kienu gew inkarigati mill-atturi;

   b. illi r-rati u prezzijiet tax-xogholijiet li saru mill-konvenut Josef Borg kienu mifthiema u accettati mill-atturi u d-differenza fil-prezz finali ghall-istima originali huwa dovut ghall-fatt li l-atturi kienu ziedu diversi xogholijiet waqt landament tax-xoghol li ma kienux mifthiema inizjalment;

   c. illi matul il-kors tax-xogholijiet u wara li lesta l-konvenut Josef Borg, l-atturi kienu qed jinkarigaw haddiema ohra li setghu kkawzaw hsarat fix-xoghol tal-konvenut mentri x-xoghol tal-konvenut dejjem sar skont kif tirrikjedi s-sengha u l-arti;

   d. illi l-konvenut kien gie mwaqqaf f'Marzu 2017 u mcahhad milli jispezzjoni ix-xogholijiet li kienu lmentaw dwarhom l-atturi.

5. Illi l-konvenut Josef Borg intavola kawza fl-ismijiet 'Josef Borg vs Christopher u Pauline, konjugi Vella' (Rikors Nru. 352/17CFF) stante illi l-atturi rrifjutaw li jhallsu s-somma bilancjali li ghadha dovuta lill-konvenut Josef Borg ghax-xogholijiet minnu ezegwiti fil-propjeta' tal-atturi konjugi Vella fuq inkarigu taghhom u kien biss sussegwentement ghal din il-kawza li l-konjugi Vella pprocedew kontra l-konvenuti ghall-allegati hsarat u xoghol hazin.

6. Illi ghalhekk, in vista ta' suespost u kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-esponenti ma humiex responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni fil-konfront tal-atturi u b'hekk tali talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."

Rat l-atti u dokumenti fil-Kawża.

Rat li permezz ta' digriet tagħha tal-1 ta' Novembru 2018 ħatret lill-Perit Inġinier Carmel Cuschieri biex jirrelata dwar il-vertenzi tal-partijiet stante t-teknikalita' tal-materja.

Qrat ix-xhieda miġbura mill-imsemmi Perit tal-Qorti.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Fis-sewwa il-fatti huma sempliċi għall-aħħar. L-Atturi nkarigaw lill-konvenut biex jagħmel ix-xogħlijiet li jidhru elenkati f'dok A anness mar-rikors ġuramentat (a' fol 6). Dan id-dokument jikkonsisti fi Quote ossia stima li skont l-Atturi huma x-xogħlijiet li kellhom jiġu eżegwiti fil-fond tagħhom 11, Pawlina, Sqaq 4, Qrendi. Dawn ix-xogħolijiet kellhom isiru versu l-ħlas ta' €17,520.05.

**2.** L-Atturi jgħidu ukoll li kien hemm qbil mal-konvenut li dawn ix-xogħlijiet kellhom isiru fi żmien sitt(6) xhur. Iżda l-konvenut ħa kważi d-doppju tal-ħin biex b'hekk l-Atturi sofrew id-danni minħabba dan id-dewmien. Iżda apparti dan, l-Atturi jilmentaw ukoll li x-xogħolijiet ma sarux skont l-arti u s-sengħa bil-konsegwenza li anke f'dan ir-rigward sofrew id-danni.

**3.** Għalhekk minħabba dan kollu huma kellhom jagħmlu din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

**4.** L-ilmenti tal-Atturi huma fl-essenza tnejn: li x-xogħol ma sarx fiż-żmien miftiehem u li x-xogħolijiet ma sarux skont l-arti u s-sengħa.

*<u>Iz-zmien</u>*

**5.** Kwantu għall-kwistjoni ta' żmien l-artikolu tal-liġi li jirregola din is-sitwazzjoni huwa artikolu 1130 tal-Kodici Ċivili li jiddisponi hekk:

*"(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun li wieħed għandu jagħti jew jagħmel, u fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien, id-debitur jiġi mqiegħed in mora bl-egħluq biss ta' dak iż-żmien, bla ħsara, għal dawk li huma mgħaxijiet imsemmijin fl-artikolu 1141, tad-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*

*(2) Jekk fil-ftehim ma jkun ġie stabbilit ebda żmien, jew jekkiż-żmien ikun jagħlaq wara l-mewt tad-debitur, id-debitur jew il-werriet tiegħu ma jiġix imqiegħed in mora ħlief wara li jiġi msejjaħ b' att ġudizzjarju".*

**6.** Dak li għandha quddiemha din il-Qorti huwa kuntratt ta' Appalt. F'dan ir-rigward il-Qrati tagħna bnew maż-żmien numru ta' prinċipji legali li jemanu mill-artikolu tal-liġi imsemmi. Fost oħrajn jekk kemm-il darba dak li jkun obbligat li obbliga lilu nnifsu li jagħmel ix-xogħolijiet ma żżommx maż-żminijiet stipulati. Minbarra dan, il-liġi tgħabbi lil min ikun intrabat li jagħmel xi ħaġa, li jekk jonqos li jagħmilha fiż-żmien miftiehem, isir moruż bil-fatt waħdu li jkun għadda dak iż-żmien.

**7.** F'sitwazzjoni bħal din, min ikun ta l-inkarigu għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni subiti minħabba dak in-nuqqas, liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment (Ara **Sentenzi tal-P.A. tat-13 ta' Diċembru tal-1952 fl-ismijiet Galea -vs- Calleja u dik tal-Qorti Kummerċ tat-13 ta' Frar tal-1952 fil-kawża fl-ismijiet Petroni vs Petroni noe**).

*Xoghol mhux skond l-arti u s-sengha*

**8.** Jibda biex jingħad li frazi "skont l-arti u sengħa" fil-Kodiċi Ċivili tissemma' darba waħda biss taħt l-Istitut tal-Kera f'artikolu 1556. Pero huwa ċar li dak li qegħdin jilmentaw minnu l-Atturi jemanixxi mill-prinċipju antik ta' *neminem laedere* li jsib riflessjoni tiegħu fis-segwenti tlett artikoli tal-istess Kodiċi:

*"1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Meta persuna titqies li hija fi ħtija.*

*1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

*(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar. Nuqqas ta' diliġenza.*

*1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

**9.** L-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili jippreskrivi azzjoni imnissla minn għemil delittwali u huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li l-elementi rikonoxxuti ta' azzjoni delittwali huma tlieta: *"(1) un fatto illecito (2) l'imputabilita` di*

*questo fatto al suo autore (3) un danno cagionato da questo fatto"* (Ara fost oħrajn **Baudrie et Lacantinerie: Delle Obbligazioni Vol. IV p.555**).

**10.** Għalhekk, meta persuna ma teżerċitax il-professjoni tagħha, tkun xi tkun din il-professjoni, b'mod kif trid il-liġi u per konsegwenza tikkawża dannu lil ħadd ieħor, din għandha twieġeb għal din il-ħsara. Id-dmir impost fuq il-persuna huwa dak li jħares mhux biss l-artikoli tal-Kodiċi Ċivili iżda anke dawk il-liġijiet speċjali li jirregolaw il-professjoni jew sengħa partikulari. Di fatti, il-Perit Bernard Grech, inkarigat mill-Atturi, jsostni, li l-Konvenut kiser numru ta' rekwiżiti legali taħt numru ta' leġislazzjonijiet sussidjarji. Jekk dawn ġew miksura naraw aktar 'l isfel.

**Konsiderazzjonijiet**

**11.** L-ewwel kwistjoni li trid tiġi deċiża hija l-eċċezzjoni tal-konvenuta li tgħid li ma messha qatt ġiet ċitata peress li hi ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-Atturi u per konsegwenza qegħdha titlob li tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

**12.** Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-konvenuta f'ebda ħin ma kienet inkarigata flimkien ma' żewġha biex tesegwixxi x-xogħolijiet mertu ta' din il-proċedura. Dan jemerġi ċar kemm mir-rikors ġuramentat u kif ukoll mid-dokumenti esebiti mill-istess Atturi. Għalhekk il-Qorti tifhem li qed tiġi ċitata għall-fatt li hija mart il-konvenut u li bejniethom tesisti l-kommunjoni tal-akkwisti. Huwa ukoll indubitat, li l-Attur huwa kummerċjant fid-dawl li x-

xogħol ordinarju tiegħu jidher li huwa twettiq ta' appalti u inkarigi bħal dak li għandha quddiemha din il-Qorti.

**13.** Issa artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

"*Atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja".*

**14.** Dan l-artikolu irid jinqara fid-dawl tal-lista ta' djun li jmorru fuq il-kommunjoni tal-akwwisti fost oħrajn skont artikolu 1327(f) "*kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda*".

**15.** Għalhekk huwa ċar li kwantu għall-atti imwettqa mill-konvenut f'din il-Kawża, ma kienx hemm ħtieġa tal-kunsens tal-konvenuta, u li minkejja dan kull indenizz li talvolta jista' jkun dovut lill-Atturi għandha xorta waħda tbatih il-kommunjoni tal-akkwisti talvolta esistenti bejn il-konvenuti.

**16.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Selvagi et -vs- Peter Borg** (**Avv. Nru. 370/2003 per Maġistrat Gabriella Vella deċiża fil-31 ta' Lulju 2012**) f'kawża fejn ir-rikorrenti konjugi Selvagi talbu risarċiment tad-danni

kkawżati mill-konvenut meta waħħal madum fil-proprjeta' tagħhom, il-Qorti rriteniet li fir-rigward tal-eċċezzjoni tiegħu l-azzjoni kellha tiġi diretta ukoll kontra martu:

"*Fil-fehma tal-Qorti l-indoli ta' l-azzjoni attrici, naxxenti appuntu mir-relazzjoni guridika bejn l-atturi konjugi Selvagi u l-konvenut, li ilu jezercita s-sengha ta' tile layer ghal iktar minn hamsa u tletin sena, ghandha tigi kkunsidrata fid-dawl ta' dak dispost fl-Artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè li atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux maghmula in relazzjoni ma' din is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja*".

**17.** Aktar minn hekk ġie osservat mill-**Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet Grazio Patiniott et -vs- Anthony Cini et, Appell Ċivili deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001 u** kif ukoll mill-**Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, fis-Sentenza fl-ismijiet J&E Griscti -vs- Jesmond Sant et, deċiża fl-10 ta' Jannar 2007**, l-Artikolu 1324 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għal kull att tal-kummerċ kif definit mill-Kodiċi tal-Kummerċ iżda japplika biss fil-każ ta' persuna li tkun qed teżerċita kummerċ, negozju jew professjoni bħala attività ekonomika u li fiha l-kuntrattazzjoni taħt eżami setgħet tinkwadra ruħha bħala att normali tal-ġestjoni tagħha. Mill-atti li għandha quddiemha din il-Qorti ma jirrisultax li dan kien xi att isolat ta'

eżercizzju ta' sengħa tal-konvenut iżda jidher li huwa wieżed abitwali u li minn din l-attivita' jaqla' s-sors ta' għixien prinċipali tiegħu. Dan ma hux komntestat mill-Atturi.

**18.** Fid-dawl ta' tali prinċipju, ma hemmx dubbju li l-appalt kummissjonat mill-atturi konjugi Vella lill-konvenut jikkostitwixxi għall-istess konvenut att normali ta' ġestjoni tas-sengħa tiegħu, u għalhekk ai termini tal-Liġi dan l-att huwa leġittimament u validament vestit fih biss.

**19.** Minn dan isegwi li kwalunkwe azzjoni naxxenti mill-appalt in kwistjoni, inkluża azzjoni għad-danni mill-atturi kontra l-konvenut minħabba inadempjenza kontrattwali, tista' validament tiġi istitwita mingħajr il-ħtieġa li mart il-konvenut tkun parti fil-proċeduri għaliex l-iskop ta' l-Artikolu 1324 hu intiż biex, fil-konfront tat-terz, il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsort wieħed biss, basta li jkun att "normali" ta' ġestjoni ta' kummerċ, għalkemm meta l-konjugi l-ieħor jiġi ċitat, xorta ma hemm xejn ħażin fil-liġi. (Ara ukoll **Sentenza fl-ismijiet Claudette Gauci -vs- Paolo Bonnici Limited et, 9 ta' Ottubru 2003, per Imħallef Tonio Mallia**).

**20.** Pero' għal kjarezza, qed jiġi rilevat illi hemm atti li jirrikjedu l-intervent taż-żewġ konjuġi [Artikolu 1322(2)] u hemm ukoll atti li wieħed mill-konjuġi jista' jġib fis-seħħ uti singuli [Artikolu 1324 jew l-Artikolu 1327(c)]. F'dawn l-istanzi t-terz kreditur huwa leġittimat li jissodisfa l-kreditu tiegħu fuq il-beni

tal-komunjoni. Dan għar-raġuni illi dawk l-atti jinċidu fuq il-beni li jifformaw parti mill-patrimonju tal-komunjoni.

**21.** Naturalment, skont il-liġi, l-istess terz kreditur huwa ulterjorment tutelat billi in subsidium anke idur fuq il-beni personali ta' dak biss fost il-konjugi li għamel in-negozju u ndaħal għar-responabilità kontrattwali diretta. Jiġi allura illi r-raġel jirrispondi għad-dejn de quo mhux biss bis-sehem tiegħu mill-komunjoni imma anke bil-beni tiegħu proprji, mentri l-mara hija biss responsabbli sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

**22.** Dan huwa ċar fl-Artikolu 1330 tal-Kodiċi Ċivili. Għalkemm l-azzjoni odjerna tista' tolqot il-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti presumibilment eżistenti bejn il-konvenut u martu, b'daqshekk ma jfissirx li l-appalt kummissjonat mill-atturi konjuġi Selvagi lill-konvenut u kwalunkwe azzjoni derivanti minnu għandhom jiġu kkunsidrati bħala atti ta' amministrazzjoni straordinarja li għall-validità legali tagħhom jinneċessitaw il-presenza taż-żewġ konjuġi.

**23.** Kif ġià iktar 'l fuq osservat għall-fini ta' l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju sollevata mill-konvenut, il-Qorti għandha tikkonsidra l-indoli ta' l-azzjoni attriċi fil-qafas legali restrittiv ta' l-Artikolu 1322(3) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta u minn imkien fl-imsemmi artikolu tal-Liġi ma jistgħu l-appalt kummissjonat mill-atturi lill-konvenut u azzjoni derivanti minnu jitqiesu bħala atti ta' amministrazzjoni straordinarja.

**24.** Dan kollu jfisser li l-presenza tal-konvenuta f'din il-kawża setgħet ġiet evitata, pero' stante li anke hi għandha interess fin-nofs sehem tal-kommunjoni ma hemm xejn ħazin li tibqa' fil-ġudizzju. Għalhekk l-eċċezzjoni minnha imqanqla ser tkun miċħuda.

_Iz-zmien_

**25.** Jibda biex jiġi rilevat li fost l-ilmenti tal-Atturi fir-rikors ġuramentat tagħhom huma speċifikament jgħidu li "*il-qbil bejn il-partijiet kien illi x-xoghlijiet kollha li kellu jaghmel l-intimat fil-fond ma kellhomx jiehdu iktar minn sitt (6) xhur sabiex jitlestwew*". Di fatti huma jirribadixxu dan anke fl-ewwel talba tagħhom (a' fol 3).

**26.** Minn naħa l-oħra l-uniku dokument li huma jistrieħu fuqu hija stima tax-xogħolijiet maħruġa mill-konvenut lill-Atturi li fiha ma hemm referenza f'kemm żmien kellu jitlesta x-xogħol. Għalhekk il-Qorti qed tifhem, li fl-assenza ta' skrittura f'dan ir-rigward dak li qed jallegaw l-Atturi irid ikun desunt mill-provi li għandha quddiemha.

**27.** Jibda biex jiġi rilevat li fl-inkarigu mogħti lill-Espert tal-Qorti Carmel Cuschieri, u dan sar bi qbil bejn il-partijiet, ma hemm ebda referenza li dan kellu jara jekk ix-xogħol sarx fiż-żmien miftiehem. (a' fol 25). Fir-rapport ex-parte tal-Perit Bernard Grech, ma hemm ebda referenza dwar jekk ix-xogħolijiet kellhomx jitlestew f'xi żmien partikolari (a' fol 37). Dan il-Perit anke jekk jikkonferma li "*Rigward x'instructions kellu l-konvenut minghand*

*l-attur qabel ma beda ix-xoghol, jiena dan ma nafux"*. (a' fol 128). Għalhekk dan il-Perit żgur ma jista' jitfa' ebda dawl dwar jekk kienx hemm xi żmien dwar meta kellu jkun tterminat ix-xogħol.

**28.** In eżami l-Attur ma jagħmel ebda referenza li kellu jagħmel ix-xogħolijiet fi żmien miftiehem bejn il-partijiet (a' fol 117 sa 119). Fil-kontro-eżami biss li "*Rigward id-data ta' meta kellu jitlesta x-xoghol ma kienx hemm kuntratt ma hadd mill-haddiema"* (a' fol 130). Fil-konklużjoni tiegħu l-Perit tal-Qorti fir-rigward taż-żmien jgħid li "*Fit-talba tieghu l-Attur ghid li kien hemm ftehim ma' Borg izda fix-xhieda tieghu jghid li ma kienx hemm ftehim fuq zmien*" (ara para 23 a' fol 111). Huwa minnu li l-attur ma jgħidx li kien hemm ftehim iżda kien bil-fomm iżda addirittura jgħid li ma kienx hemm kuntratt.

**29.** Fid-dawl tal-assenza totali f'dan ir-rigward dwar l-element taż-żmien li kellu jkun kompletat ix-xogħol, din il-Qorti ma tistax tara kif qatt tista' tilqa' it-talbiet attriċi fuq dan il-punt. Li kien hemm terminu ta' żmien meta kellu jkun lest ix-xogħol ma jirrisulta minn imkien.

<u>*Xogħol skont l-arti u sengħa*</u>

**30.** Il-Perit tal-Qorti jasal għall-konklużjoni li l-konvenut "*kien mexa fuq interior designs drawings u sketches tal-kmamar tal-banju li kienu tawh l-atturi biex għamel l-installazzjonijiet"* (a' fol 110 tergo para 14). F'dan is-sens hija ukoll l-eċċezzjoni 4a tal-konvenuti. Il-Qorti tħoss li għandha tennunċja l-prinċipju li min jidħol għal xogħol bħal dan, ma hiex difiħa meta

jgħid, li jekk hemm xogħol ħażin dan kien frott tad-disinji u struzzjonijiet mogħtija minn min ikun ikkumissjona x-xogħolijiet.

**31.** Huwa mgħallem, li l-prinċipju ewlieni li jħares il-kuntratt tal-appalt huwa dak li l-appaltatur irid iwettaq dak li jitqabbad jagħmel skond l-aħjar sengħa u ħila tiegħu biex jingħata xogħol tajjeb (Ara **Sentenza tal-App. Kumm tal-1 ta' Marzu 1988, fl-ismijiet Guillaumier noe -vs- Borg Cardona**). B'mod partikolari, l-appaltatur ma jistax jippretendi li jiddefendi lilu nnifsu billi jsostni li x-xogħol ma sarx tajjeb għaliex sar kif riedu l-kommittent, għaliex l-appaltatur irid jirreżisti kull intromissjoni tal-kommittent jekk minħabba dak l-indħil jew insistenza x-xogħol ma jkunx se jsir skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti (Ara **Sentenza tal-Prim Awla tat-8 ta' Mejju 1958 fl-ismijiet Pisani -vs- Debattista**). Jekk l-appaltatur isib li dak li jrid il-kommittent ma jistax isir skond l-arti u sengħa għandu l-għażla li jittermina l-appalt basta jagħti r-raġuni għalfejn qiegħed jagħmel hekk.

**32.** B'dana kollu jidher li l-Atturi bdew kontinwament jittromettu lilhom infushom fix-xogħol li kellu jwettaq il-konvenut. Di fatti itterminawlu b'mod xejn ortodoss. F'dan ir-rigward il-perit tal-Qorti josserva li l-konvenut messu ngħata l-opportunita' li jirrettifika li jikkoreġi xi nuqqasijiet li seta' kien hemm u mhux jiġi imwaqqaf ħesrem (a' fol 111 para 25). Għalkemm kien dritt tagħhom li jappuntaw perit tal-fiduċja, bil-mod kif proċedew biex jeżerċitaw dan id-dritt, huma bħal donnhom biex jimponu fuq il-konvenut lill-Perit Bernard Grech. Dan sar fi stadju meta x-xogħolijiet kienu fi stat avvanzat u meta l-konvenut kien għadu ma tħallas xejn tax-xogħolijiet li wettaq. Di

fatti l-perit tal-Qorti jagħmel osservazzjoni f'postha ħafna meta jgħid li "*Kien ikun hafna ahjar kieku l-Ing Bernard Grech tqabbad fil-bidu u mhux fl-ahhar*" (a' fol 110 tergo para 17). Il-Qorti taqbel li f'każijiet normali, l-appaltatur u Perit jew Inġinier inkarigat mill-kommittent jimxu id f'id mill-bidu tal-proġett. Dan ma kienx il-każ, anzi din il-Qorti temmen, li l-inkarigu lill-inġinier Bernard Grech fi stadju meta x-xogħol kien avvanzat kompla aċerba r-relazzjonijiet ta' bejn il-partijiet.

**33.** Il-Qorti tirrileva li l-Perit tagħha jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet prinċipali:

**34.** L-Atturi bħal donnhom jagħmlu emfażi partikolari fuq il-fatt li l-konvenut ma kellux il-licenzja idoneja biex iwettaq xi xogħolijiet ta' dawl. F'dan ir-rigward, il-Perit tal-Qorti josserva li l-prattika hi l-installazzjonijiet ġo residenzi ssir minn electricians bil-licenzja A u li jitqabbad persuna oħra biex tiffirma l-applikazzjoni. Jgħid li din hija prattika kommuni.

**35.** Il-Qorti ma taqbel xejn li din il-prattika għaliex hija komuni jfisser li hija prattika tajba. It-tolleranza ta' prattika bħal din ma toħloqx stat ta' 'legalita'. Pero' minn naħa l-oħra, jekk l-Atturi ma jurux li minħabba din il-prattika huma sofrew preġudizzju, ma jistgħux jilmentaw li huma soffrew danni għall-fatt biss li l-konvenut irrikorra għal din il-prattika. Il-Qorti ma rriskontratx xi tip ta' prova, li minhabba f'hekk huma sofrew xi dannu jew preġudizzju. Id-difetti li jsemmi l-Perit tal-Qorti fit-tabella indikata minnu ma

jidhirx li huma frott ta' din il-prattika għalkemm hija waħda ħażina (a' fol 109).

**36.** Il-Perit tal-Qorti jasal ukoll għall-konklużjoni li l-installazzjoni tal-elettriku hija b'mod ġenerali skont is-sengħa u l-arti (a' fol 110 para 5). Dan jikkonkludi ukoll li "*l-Kuntrattur ma huwiex qieghed biex jiddisinja sistema tal-elettriku u plumbing izda biex jinstalla dal li jintalab mill-klijent u l-konsulenti taghhom u dan ghamlu skond larti u s-sengha*". (a' fol 110 tergo para 16). Jgħid ukoll li ħafna mid-difetti jew defiċjenzi li kien ġibed l-attenzjoni għalihom l-Inġinier Grech ġew rettifikati mill-konvenut (a' fol 110 tergo para 20). Fl-aħħar nett jgħid li "*li ma hemmx indikazzjoni li hemmx iktar leakages ta' ilma ghax kieku kienu juru ruhhom permezz ta' tixrib tal-art jew hitan it-tnejn*". (a' fol 111 para 27). Dan ifisser għalhekk, li l-konvenut, huwa biss responsabbli għal dak li l-Perit tal-Qorti jiddeskrivi bħala difetti li jridu jiġu rranġati kif indikati fit-tabella imsemmija. Biex dawn jiġu rranġati l-Perit tal-Qorti jasal għaċ-ċifra ta' erbgħa mija u tmenin ewro (a' fol 109 tergo u para 28 a' fol 111).

**37.** Minn dan kollu l-Qorti tikkonkludi, li f'sens ġenerali x-xogħolijiet saru skont l-arti u sengħa, għalkemm tassew kien hemm xi defiċjenzi, b'uħud minnhom li diġa' ġew rettifikati u oġrajn iridu jiġu rettifikati u dawn huma tal-aħħar huma dawk indikati fit-tabella indikati imsemmija. Imma d-danni li jirriklamaw l-Atturi huma tlieta (a) spejjes ta' xogħolijiet rimedjali li wettqu sal-lum (b) spejjes li għad fadlilhom jagħmlu u (c) telf ta' entrojtu minn

propjeta' oħra tagħhom u telf ta' entrojtu minħabba dewmien fit-tlestija tax-xogħolijiet.

**38.** F'dan ir-rigward huwa prinċipju ben magħruf li min isofri d-danni irid jipprovahom. Fil-Kawża fl-ismijiet **Ingegnere Frank Calafato vs Carmelo Grech deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Novembru 1921 [Vol. XXIV.i.894]** dan il-prinċipju ġie spjegat hekk:-

"*Attessocche' contrariament a quanto sembra aver ritenuto la prima Corte, quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega d'aver sofferto il danno di cui reclama la rifazione, per colpa del convenuto, egli e' nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poiche' la colpa e' un'ipotesi giuridica e generica finche' sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili. Occorreva quindi che nella causa fosse risultata la colpa specifica del convenuto, consistente in un fatto o una omissione, alla quale potesse attribuirsi la rottura del cilindro della motocicletta in quistione che l'attore nel suo atto di citazione ha allegato d'essere stata cagionata dal convenuto*".

**39.** Kwantu għal spejjes li għad iridu jagħmlu l-Atturi dawn huma dawk imsemmija fir-rapport tal-Perit fl-ammont ta' erbgħa mija u tmenin ewro (€480). Kwantu għall-ispejjes li kellhom jagħmlu sal-lum, anke l-istess perit

jirrikonoxxi li ħafna mid-difetti li ġew indikati mill-Perit Grech, dawn ġew rettifikati mill-konvenut. Ma jingħadx pero' a' spejjes ta' min saru. Il-Qorti tifhem, li ġaladarba l-konvenut ma qalx li l-ispejjes ħariġhom hu u għall-fatt li għad baqalu jitħallas tant li anke għamel Kawża għalhekk quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, il-Qorti tifhem, li dawn l-ispejjes qed jintalbu ukoll minnu. Għalhekk, in mankanza ta' prova konkreta tal-kwantum, il-Qorti bis-saħħa tal-prinċipju ta' ġustizzja ekwitattiva, qegħdha *arbitrio bon viri* tillikwida l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) f'dan ir-rigward.

**40.** Kwantu għad-danni l-oħra imsemmija u cioe' telf ta' entrojtu minħabba dewmien, din il-Qorti tinnota dan: illi fl-ewwel lok kif diġa' rilevat aktar 'l fuq, ma nġiebet ebda prova li kien hemm xi ftehim li x-xogħol kellu jintemm f'xi żmien partikulari u li fi kwalunkwe każ, anke irriżulta li dan kien prinċipalment dovut minħabba xogħolijiet oħra li kienu qegħdin isiru minn terzi. Imma aktar hekk, il-prova preċiża li dawn id-danni tassew seħħew hija għal kollox nieqsa kontra l-prinċipju ta' *ei qui allegat onus probandi incumbit* (ara artikolu 562 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta).

**41.** Għalhekk l-ammont ta' danni li jrid iħallas il-konvenut lill-Atturi huwa dak ta' sebgħa mija u tletin ewro (€730).

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:-

**Tiċħad l-ewwel tlett** eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

**Tilqa' l-ewwel talba** attriċi limitatament għall-fatt, li x-xogħol ma sarx skont l-arti u s-sengħa u dan fir-rigward tax-xogħolijiet elenkati fit-tabella fuq imsemmija u konklużjoni tal-Perit tal-Qorti.

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** limitatament għad-danni konsistenti fi spejjes ta' xogħolijiet rimedjali li wettqu r-rikorrenti sal-lum u li għad fadlilhom iwettqu.

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tillikwida d-danni fl-ammont ta' **sebgħa mija u tletin ewro (€730)**.

**Tilqa ir-raba' talba Attrici** u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Atturi d-danni hekk likwidati bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjes tal-Kawża għandhom ikunu sopportati kwantu għal tnejn minn ħamsa ($^{2}/_{5}$) mill-Atturi u r-rimanenti tlieta minn ħamsa ($^{3}/_{5}$) mill-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**